TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 498/11 (JE).

Jeffrey Cauchi

vs

Go p.l.c.

Illum, 30 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Jeffrey Cauchi tal-24 ta' Novembru 2011 fejn qal illi huwa qiegħed jirċievi kontijiet ta' servizz li qatt ma talab. Qal ukoll illi huwa qatt ma talab illi jingħata servizz ta' internet fuq il-mobile tiegħu imma allega illi s-soċjetà konvenuta qabdet u mponiet tali servizz fuqu kontra r-riedu tiegħu. Għaldaqstant, huwa talab illi huwa ma jħallasx l-kontijiet illi jammontaw għal ħames mija u sebgħa u erbgħin euro (€ 547) u dana peress illi huwa qatt ma daħal fi ftehim mas-soċjetà konvenuta li skond l-attur, huwa essenzjali skond il-liġijiet ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha rrespinġiet it-talbiet attriċi in toto u stqarret illi fit-talba ma ngħatatx biżżejjed informazzjoni sabiex isiru aktar verifiki.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni mingħand dan it-Tribunal illi huwa m'għandhux iħallas għal servizzi mogħtija lilu mis-soċjetà konvenuta għax skond hu, hu qatt ma ftiehem magħha sabiex jingħata tali servizz. Huwa qed jallega illi huwa kull ma talab kien illi jista' jibgħat MMS u qatt ma talab għas-servizz ta' "mobile internet". Qed jgħid ukoll illi qatt ma daħal ma' ftehim mas-soċjetà konvenuta.

Illi fl-ewwel lok, irid jingħad illi l-attur għandu nozzjoni totalment żbaljata ta' x'jikkostitwixxi ftehim validu fil-liġi. Skond il-liġi tagħna, ftehim, ħlief f'xi eċċezzjonijiet bħal self, kera, jew bejgħ ta' propjetà, jista' jsir anke verbalment. Għaldaqstant, mill-provi prodotti, inkluża t-telefonata illi permezz tagħha l-attur ta struzzjonijiet lill-aġent tas-soċjetà konvenuta sabiex "jiftaħ dak kollu illi jista' jinfetaħ" jew kliem f'dan is-sens, malli s-soċjetà konvenuta tatu s-servizzi illi hija ħasbet illi kienu ntalbu u l-attur aċċeda għalihom, il-kuntratt bejn il-partijiet ġie formalizzat u huwa validu fil-liġi. Pacta sunt servanda.

Illi l-attur irċieva kontijiet għoljin talli aċċeda għall-internet minn fuq il-mobile tiegħu imma jidher illi ħa azzjoni biss wara illi rċieva t-tieni kont datat 12 ta' Settembru 2011 minkejja illi kien diġa rċieva kont għoli ta' użu ta' internet matul Lulju 2011 ta' € 236.67. U anke hawn kien hemm ċerta dewmien peress illi l-ewwel e-mail illi bagħat l-attur lis-soċjetà konvenuta kien fis-26 ta' Settembru 2011.

Illi l-attur fil-kors ta' dawn il-proċeduri ma semmiex illi huwa kien qed juża l-internet minn fuq il-mobile tiegħu imma qal fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2013 illi "l-mobile tiegħi beda jikkonnettja mal-internet u mas-social networks mingħajr lanqas biss kont naf." Madankollu skond red 11 tas-6 ta' Novembru 2012 mill-"file" tas-soċjetà konvenuta prodott bħala Dok. "A", "Client is stating that we activated WAP on his Mobile without his knowledge so that when he was connecting to the Internet from home through his Mobile he thought he was connecting through fixed Internet Connecion through Wifi." It-Tribunal iħoss illi hu sinjifikanti l-fatt illi l-attur ma semmiex dan il-fatt fil-kors tax-xhieda tiegħu u ta x'jifhem illi l-mobile tiegħu qatta perjodi twal fuq l-internet kif jirriżulta mill-kontijiet prodotti bħala Dok. "JC" u "JC1" mingħajr l-ebda intervent da parti tiegħu.

Illi wieħed irid iqis ukoll illi mit-telefonata msemmija, l-attur wera illi huwa m'huwiex sajjem mill-użu u prattika tal-internet tant illi qabel ma l-aġent tas-soċjetà konvenuta fetaħ ħalqu, kien diġa qallu biex jiftaħlu s-servizzi kollha. Fl-aħħar ta' l-istess telefonata, l-attur instema jgħid lill-aġent jekk għandhux jitfi jew le l-mobile u dana huwa indikattiv illi l-attur kien jaf jinnaviga sew fid-dinja tat-telefonija ċellulari. Għadaqstant, it-Tribunal ma jqisx il-verżjoni mogħtija mill-attur illi huwa ma kienx jaf illi kien ingħata s-servizz ta' "mobile internet" mis-soċjetà konvenuta bħala kredibbli u fi kwalunkwe każ, aġixxa ferm tard wara illi rċieva l-ewwel żewġ kontijiet.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.